

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > Estonia

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Estonja

Estonja



Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tal-Estonja.

X'informazzjoni jipprovdi r-reġistru tal-artijiet Estonjan?

Ir-[Reġistru tal-Artijiet Estonjan](#) huwa rekord ta' interessi fi proprjetà u ta' drittijiet ristretti, li jipprovdi lil partijiet terzi b'informazzjoni dwar proprjetà immobbli rreġistrata.

Ir-reġistru tal-artijiet jiffoka fuq ċirkostanzi kemm legali kif ukoll fattwali. Il-proprjetà kollha tiddaħħal fir-reġistru tal-artijiet, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi. Kull proprjetà individwali għandha reġistrazzjoni indipendenti u hija mogħtija numru uniku (numru tal-proprjetà rreġistrata).

Ir-reġistru għandu erba' partijiet.

Il-Parti 1 fiha l-informazzjoni segwenti dwar kull proprjetà rreġistrata:

- referenza tar-reġistru tal-artijiet;
- l-iskop speċifiku;
- il-post;
- id-drittijiet ristretti stabbiliti għall-proprjetà rreġistrata;
- l-erja (daqs);
- l-amalgamazzjonijiet u diviżjonijiet;
- l-amalgamazzjoni ma' proprjetà rreġistrata oħra, jew terminazzjoni ta' parti mill-proprjetà.

Il-Parti 2 fiha l-informazzjoni segwenti dwar kull proprjetà rreġistrata:

- is-sid;
- jekk il-proprjetà tkun bi sjieda konġunta, ikun hemm id-dettalji dwar dan; jekk il-proprjetà tkun bi sjieda konġunta jew sjieda komuni; l-ismijiet tas-sidien;
- id-daqs kunċettwali tal-ishma tal-koproprietarji (sjieda komuni);

Il-Parti 3 fiha l-informazzjoni segwenti dwar kull proprjetà rreġistrata:

- id-drittijiet ristretti li jkunu ta' piż fuq il-proprjetà (ħlief ipoteki);
- ir-restrizzjonijiet fuq is-sjieda;
- notazzjonijiet rigward tali restrizzjonijiet;
- ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jiddisponi minnha;
- notazzjonijiet oħra rigward is-sjieda (inkluż restrizzjonijiet dwar id-drittijiet tad-disponiment tal-persuni kkonċernati), u tħassir u emendi tar-reġistrazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-Parti 4 fiha l-informazzjoni segwenti dwar kull proprjetà rreġistrata:

- id-detentur tal-ipoteka;
- il-valur monetarju tal-ipoteka (somma pendenti);
- notazzjonijiet rigward l-ipoteka;

- emendi fir-reġistrazzjonijiet;
- tħassir tar-reġistrazzjonijiet.

Id-diversi taqsimiet tar-reġistru tal-artijiet huma aċċessibbli għall-pubbliku u jistgħu jiġu aċċessati minn kulħadd. Fejn hemm dritt leġittimu, il-fajl dwar propjetà reġistrata partikolari jista' jiġi kkonsultat. Is-sidien tal-propjetà, in-nutara, l-uffiċjali ġudizzjarji, il-qrati u l-awtoritajiet ta' superviżjoni ma għandhomx għalfejn juri l-eżistenza ta' interess leġittimu.

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Estonjan huwa mingħajr ħlas?

Ir-reġistru tal-artijiet jinżamm b' mod elettroniku.

Id-diversi taqsimiet tar-reġistru tal-artijiet u l-fajls tal-propjetajiet irreġistrati jistgħu jiġu konsultati f'[uffiċċju ta' nutar](#) jew permezz tal-[magna tat-tiftix](#). Trid titħallas tariffa għall-konsultazzjoni tar-reġistru tal-artijiet f'[uffiċċju ta' nutar](#) jew permezz tal-magna ta' tiftix.

Dawn li ġejjin jistgħu jikkonsultaw ir-reġistru tal-artijiet elettroniku mingħajr ħlas:

- sidien ta' proprjetà immobbli — kemm jekk persuna fiżika kif ukoll jekk persuna ġuridika li tirrappreżenta sid ta' proprjetà immobbli
- rappreżentanti legali u gwardjani tas-sidien ta' proprjetà immobbli
- sidien ta' appartamenti konnessi ma' proprjetà immobbli u rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-appartamenti.

L-informazzjoni fir-reġistru tal-artijiet tista' tiġi aċċessata mill-magna ta' tiftix online ipprovduta miċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi tal-Informazzjoni. L-użu tal-magna tat-tiftix huwa bla ħlas. Ir-riżultat tat-tiftixa juri l-informazzjoni kollha mdaħħla fil-Parti1 tar-reġistru tal-artijiet (referenza tar-reġistru tal-artijiet, skop speċifiku, erja u indirizz). Trid titħallas tariffa għall-aċċess għal informazzjoni aktar speċifika fir-reġistru tal-artijiet.

It-tariffa hija ta' EUR 1 għal kull tiftixa ta' oġġett ta' tiftix u EUR 3 għall-aċċess biex tara l-parti sħiħa tar-reġistru.

L-oġġett tat-tiftixa huwa wieħed minn din it-tip ta' informazzjoni f'parti tar-reġistru tal-artijiet miftuħ għal kull propjetà reġistrata:

1. *data* diġitali fil-Parti1 (“Kompożizzjoni tal-propjetà”);
2. *data* diġitali fil-Parti2 (“Is-Sid”);
3. *data* diġitali fil-Partijiet 3 (“Gravami u restrizzjonijiet”) u 4 (“Ipoteki”).

It-tariffa għat-tiftixa tinkludi l-aċċess għall-fajls miftuħa tal-propjetà u l-ħruġ tad-dokumentazzjoni li tkun fihom.

Informazzjoni dettaljata dwar il-partijiet tar-reġistru tista' tiġi kkonsultata flimkien [mat-tariffi għas-servizzi mniżżlin hawnhekk](#). Ma hemmx VAT fuq dawn it-tariffi.

Kif issir tiftixa fir-reġistru tal-artijiet Estonjan

Tista' tfittex fil-bażi tad-*data* permezz tal-kriterji tat-tiftix segwenti:

- l-indirizz;
- referenza tar-reġistru tal-artijiet;
- isem tas-sid;
- numru tal-identifikazzjoni personali/kodiċi tar-reġistru;
- numru tal-proprietà;

Huwa possibbli wkoll li wieħed ifittex għal informazzjoni dwar sidien mhux validi u persuni awtorizzati.

Storja tar-reġistru tal-artijiet Estonjan

Il-verżjoni elettronika tar-reġistru tal-artijiet fiha informazzjoni li tmur lura għall-1994. Il-bidla għall-verżjoni elettronika bdiet fis-sajf tal-2010. Mill-1 ta' Jannar 2015, il-fajls tal-artijiet kollha kienu elettroniċi.

■ L-aħħar aġġornament: 13/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.